# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija

## (Spettur Michael Mallia)

## (Spettur Tony Cachia)

## vs

## Christopher Sammut

Kumpilazzjoni Numru: 508/13

Illum, erbatax (14) ta' Gunju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Sammut detentur tal-karta tal-identita numru 538772M akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Jannar 2013, ikkommetta serq minn gewwa l-ufficini tal-kumpanija 'S. Mifsud & Sons Ltd' sitwati fi Triq Telghet Birkirkara San Giljan ghad-detriment l-istess 'S. Mifsud & Sons Ltd' u/jew 'Orange Travel Group Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

U aktar talli fil-jiem ta' bejn il-11 u l-14 ta' Jannar 2013, ikkommetta serq minn gewwa l-ufficcju tal-kumpanija 'First United Insurance Brokers' sitwati f'fond numru 25, Triq il-Principessa Elizabetta f'Ta' Xbiex ghad-detriment ta' l-istess 'First United Insurance Brokers' u/jew persuni jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

U aktar talli fil-jiem ta' bejn it-22 u l-25 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom 'I-Pad' minn gewwa l-ufficini tal-kumpanija 'S. Mifsud & Sons Ltd' sitwati fi Triq Telghet

Birkirkara San Giljan ghad-detriment ta' 'S. Mifsud & Sons Ltd' u/jew 'Orange Travel Group Ltd.', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

Akkuzawh ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

U aktar talli kkommetta reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fil-11 ta' Gunju 2012;

U finalment gie akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar il-11 ta' Gunju 2012;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Settembru elfejn u hmistax (2015) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

- Fl-artikoli 261(b)(c)(f); 263; 267; 270; 278; 279(b); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 261(b), (c), (f), 263, 267, 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 261(b), (c), (f), 263, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 21 tal-Att dwar il-*Probation*, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda ta**l-Ispettur Tony Cachia** hareg illi nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2013 Jean Pierre Portelli li kien jahdem gewwa *Insurance Brokers* f'Ta' Xbiex kien informa lill-pulizija li kexxun mill-iskrivanija tieghu gie sgassat u s-somma ta' tliet mija u tmienja u tletin ewro (€338) gew misruqa. Kien hemm serqa ohra fis-sebgha (7) ta' Jannar gewwa l-ufficini tal-SMS f'San Giljan fejn il-kxaxen gew sgassati u s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) gew misruqa. Fl-istess post kien hemm serqa ohra fil-hamsa u ghoxrin (25) Marzu fejn gew misruqa ammont ta' flus, biljetti tal-Heritage Malta, u apparat ta' kompjuters fost oggetti ohra. Intqal ukoll illi

kien hemm xi filmati li juru l-halliel diehel fil-post u jintwera jhares ftit lejn il-kamera u deher ftit wiccu.

Minn informazzjoni kunfidenzjali huma baghtu ghall-imputat fejn fost affarijiet ohra talbuh ghall-*fingerprints* u tahomlhom. Dawn il-marki tas-swaba gew ikkonfrontati mal-marki li thallew fuq ix-xena tar-reati u dawn qablu. B'hekk gie akkuzat l-imputat b'dawn l-akkuzi.

Din ix-xhieda giet ukoll ikkonfermata mill-**Ispettur Michael Mallia** fejn ukoll esebixxa numru ta' sentenzi inkwantu ghall-addebita tar-recidiva.

Xehed ukoll **PC 264 Brady Jo Zammit** fejn dan kien ha flimkien ma' PC 294 Robert Ebejer lill-imputat fuq ix-xena tar-reati u dan sabiex jigi mistoqsi jekk qatt kien acceda fuq dawn il-postijiet u l-kumment tal-imputat kien li ma riedx jikkummenta.

Rat l-atti tal-inkjesta 1132/13 redatta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia (Dok. MGC);

Rat ir-rapport tal-espert tal-forensika PS 826 Matthew Parnis fejn mill-fond ta' Triq il-Principessa Elizabetta, Ta' Xbiex relatanti mas-serqa tal-14 ta' Jannar 2013 gew elevati s-segwenti marki tas-swaba:

| «<u>Dokument</u> | <u>Deskrizzjoni</u> |
|---|---|
| 13 ADJ 301 | Lifter elevat minn fuq is-soll tat-tieqa tal-kamra tat-toilet. |
| 13 ADJ 302 | Lifter elevat minn mal-genb tat-tieqa, fuq gewwa naha tal-lemin. |
| 13 ADJ 303 | Lifter elevat minn mal-genb tat-tieqa, fuq gewwa naha tal-lemin. |
| 13 ADJ 304 | Lifter elevat minn mal-genb tat-tieqa, fuq gewwa naha tal-lemin. |
| 13 ADJ 305 | Lifter elevat minn fuq is-soll tat-tieqa. |

| | |
|---|---|
| 13 ADJ 101 | Ritratt *black & white* ta' Dok. **13 ADJ 301** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku. |
| 13 ADJ 102 | Ritratt *black & white* ta' Dok. **13 ADJ 302** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku. |
| 13 ADJ 103 | Ritratt *black & white* ta' Dok. **13 ADJ 303** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku. |
| 13 ADJ 104 | Ritratt *black & white* ta' Dok. **13 ADJ 304** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku. |
| 13 ADJ 105 | Ritratt *black & white* ta' Dok. **13 ADJ 305** riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.» |

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-espert forensiku PS 122 Arthur Borg (Dok AB2) fejn mill-fond SMS Travel fi Triq B'Kara, San Giljan relatanti mas-serqa tal-25 ta' Marzu 2013 eleva s-segwenti marki tas-swaba:

| | |
|---|---|
| «13 AWZ 301 | *Lifter* elevat minn fuq tieqa li taghti ghal ma triq (Ground Floor) |
| 13 AWZ 302 | *Lifter* elevat minn fuq tieqa li taghti ghal ma triq (Ground Floor) |
| 13 AWZ 303 | *Lifter* elevat minn ma laptop li kien taht it-tieqa l-miksura |
| 13 AWZ 304 | *Lifter* elevat minn mal-hgiega tal-bieb tal-IT Department |
| 13 AWZ 305 | *Lifter* elevat minn mal-hgiega tal-bieb ata' l-IT Department |
| 13 AWZ 306 | *Lifter* elevat minn mal-hgiega tal-bieb ta' l-IT Department |
| 13 AWZ 307 | *Lifter* elevat minn mal-hgiega tal-bieb ta' l-IT Department |
| 13 AWZ 308 | *Lifter* elevat minn fuq tilar ta' cash box fi tielet sular |
| 13 AWZ 309 | *Lifter* elevat minn ma cash box fit-tielet sular». |

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ukoll ix-xhieda ta' **Simon Mifsud** jikkonferma li fil-kumpanija S. Mifsud & Sons kien hemm zewg serqiet, wahda fl-erbgha (4) ta' Jannar u l-ohra bejn it-tnejn u ghoxrin (22) u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu. Fis-serqa tat-tlieta (3) ta' Jannar insteraq l-ammont ta' disat elef mitejn u tlieta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€9,253.88) u fit-tieni serqa kien hemm b'elf ewro (€1,000) biljetti tas-St. John's Cathedral, hames mija (500) tal-Imdina Cathedral, hamsin (50) biljett *adults* Gozo Channel, hamsin (50) biljett *childrens'* Gozo Channel, hafna bolol, mija u ghoxrin ewro (€120) kontanti, xi flus zghar u mija u tmenin ewro (€180) minn go kexxun iehor u l-iPad. Ix-xhud jghid illi fl-ewwel serqa l-halliel dahal ftit 'il fuq mill-bieb principali u cioe' minn tieqa li ghandha *bars* tal-hadid, dahal fir-*reception* u tela' mill-ewwel fuq u sgassa l-bieb tal-ufficcju u xi kxaxen, ha wkoll *safe* li kien invitat mal-hajt.

Xehed l-espert fuq l-impronti digitali u cioe' **PS 659 Jeffrey Hughes** fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol. 63 tal-*Proces Verbal* u

fejn gew riskontrati zewg (2) impronta tal-marka tas-swaba fuq esebit 13 ABZ 201 li hi karta bil-kliem *Merry Christmas* u l-ohra fuq envelop tal-HSBC (Dok. 13 ABZ-nl u 13 ABZ-n2).

Xehed ukoll Jean Portelli bhala rapprezentant tas-socjeta' First United fi Triq Principessa Elizabetta, Ta' Xbiex fejn sehhet is-serqa ta' Jannar 2013 fejn insterqu mitejn u erbgha u ghoxrin (€224) ewro fi flus kontanti u xi danni ta' sebghin ewro (€70). Huwa jikkonferma li thallsu kompletament mill-assigurazzjoni taghhom.

Xehed l-espert nominat mill-Qorti Joseph Mallia li ghamel komparazzjoni mal-marki tas-swaba elevati mill-Forensika u dawn tal-imputat u jghid illi fl-ewwel serqa li saret fl-SMS Travel l-impronti ma kinux jaqblu u kien hemm impronti wkoll li ma kinux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni. A rigward is-serqa li saret fil-fond tal-First United ta' Ta' Xbiex irrizulta illi wiehed minnhom kien jaqbel pozittivament mas-subgha z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Christopher Sammut u l-iehor kien jaqbel mas-subgha tac-curkett tal-istess imputat tal-id ix-xellugija.

A rigward it-tieni serqa mill-SMS Travel kien hemm ukoll zewg impronti digitali li kienu imqabblin pozitivament mas-subgha tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-istess Christopher Sammut u mas-subgha tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-istess imputat. (Dok. JM1).

Finalment xehdu wkoll **Marita Rubei** u **Kevin Farrugia** li huma impjegati ta' SMS Travel fejn ikkonfermaw dak li kien xehed Simon Mifsud qabilhom w'ikkonfermaw ukoll illi qatt ma kienu raw lill-imputat qabel. Fuq dan il-punt xehed ukoll **Salvinu Mifsud Bonnici** li xehed a rigward is-serqa ta' Ta' Xbiex fil-First United u kkonferma wkoll dak li kien insteraq u li xehdu fuqu x-xhieda ta' qabel. Hu kkonferma wkoll li lill-imputat ma kienx jafu u li qatt ma kien impjegat mieghu.

Bhala xhieda in difeza ma kienx hemm hlief l-ufficjal tal-Probation **Maryanne Zammit** li kienet qed issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' Probation moghtija minn Qorti ohra. Hija xehdet illi l-imputat kellu problema akuta ta' droga u dan peress li qatt ma kellu stabbilita' fil-familja. Pero' tghid ukoll illi dan l-ahhar u cioe' mis-sena elfejn u sittax (2016) l-imputat beda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni

kontra d-droga gewwa San Blas fejn ghamel programm u beda jahdem xoghol go lukanda. Hija tghid illi sal-gurnata meta tat id-depozizzjoni taghha kienu jittiehdulu t-test tal-urina fejn dejjem irrizultaw fin-negattiv.

Finalment rat il-fedina penali aggornata tal-imputat (Dok KZX) fejn jirrizulta li l-imputat skonta l-pieni ghall-akkuzi erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) permezz ta' sentenzi tal-Magistrat Doreen Clarke (13/07/2015), tal-Magistrat Neville Camilleri (28/3/19), Magistrat Donatella Frendo Dimech (28/03/17) hekk kif kienet iddikjarat id-difiza u ghal-liema verbal il-prosekuzzjoni, minkejja li kienet inghatat xahar biex tirrispondi, naqset li taghmel dan.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-*

*Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the*

*case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jirrizulta f'dawn il-proceduri illi l-unika prova li jista jinkolpa lill-imputat huma l-marki tas-swaba li kienu misjuba fuq it-twieqi u anke fuq diversi oggetti gewwa tnejn mill-fondi derubati. Dawn il-marki tas-swaba gew identifikati bhala li jappartjenu lill-imputat minghajr ombra ta' dubju. Ghaldaqstant u stante illi l-imputat ma tax spjegazzjoni valida il-ghaliex il-marki tas-swaba tieghu setghu kienu hemmhekk, m'hemmx dubju bil-kolpevolezza tieghu a rigward almenu iz-zewg serqiet.

Dan qed jinghad ghaliex il-Qrati kellhom okkazzjoni jiddibattu fuq il-kwistjoni ta' *circumstantial evidence* fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Abela** (deciza 28 ta' Mejju 1998) *"li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata".* Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu

f'postijiet pubblici bhall-hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f'xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:-

> *"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova*

*sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-*

*rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-*

*konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal- provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi kif diga' nghad aktar 'il-fuq, il-marki tas-swaba tal-imputat instabu kemm fuq twieqi li jaghtu ghal barra u bibien, kif ukoll fl-intern tal-propjetajiet inkwistjoni b'mod partikolari fejn gew sgassati xi kxaxen u ttiehdu il-flus. Dawn il-marki tas-swaba gew elevati mit-Taqsina tal-Forensika ezatt wara l-allegat reat u cioe' *a tempo vergine*.

Illi l-unika serqa li ma tistax tigi attribwita lill-imputat hija l-ewwel serqa fil-fond tal-SMS Travel fejn l-espert ma setax isib l-ebda punt karatteristiku fl-impronta elevati li setghu jigu attribwiti lill-imputat. Illi f'din l-assenza u stante illi l-filmati elevati ma jidentifikawx l-identita' tal-halliel l-ewwel akkuza ma tistax tigi ppruvata.

Illi finalment jinghad illi gialadarba dan it-trapass taz-zmien li sewa' sabiex l-imputat jirrijabilita' ruhu mill-problema tad-droga tant li llum il-gurnata ghandu xoghol stabbli u hallas ghal dak kollu li seta' ghamel fil-passat, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi piena karcerarja u wisq anqas ser tinfliggi l-effetti tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 17(b), 261(b)(c)(f), 263, 267; 270, 278(3), 280 (1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat **Christopher Sammut** hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi akkuzi kif dedotti kontrih izda ssibu hati biss tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

qed tikkundannah ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed timponi wkoll nofs l-ispejjez peritali ammontanti ghal elf u tmienja u disghin ewro (€1,098.00).

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**